**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 243/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Dimech**

Illum 30 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Dimech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 377469(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Mejju 2016 għall-ħabta ta' bejn 00.15am u 02.40am ġewwa Triq il-Karmnu, Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer:

1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont ma jiskorriex l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Josephine Gatt u

Antonella Bartolo u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi nġurja, jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu numru 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hebb kontra PC 893 Mark Galea, sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi nġurja jew hedded lil Josephine Gatt u lil Antonella Bartolo jew jekk ikun ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, tikkunsidra lill-imputat bħala reċediv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, tipprovdi għas-sigurta' ta' Josephine Gatt, Antonella Bartolo u Catherine Dimech u/jew ta' persuni oħra, u/jew għaż-żamma ta' l-ordni pubblika, u/jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża u/jew ta' individwi oħra minn fastidju u/jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat *ai termini* ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti filwaqt li fuq nuqqas ta' provi lliberat lill-imputat mill-ewwel (1), mir-raba' (4), mill-ħames (5) u mit-tmien imputazzjoni, wara li rat Artikoli 95, 338(dd), 338(ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni miġjuba fil-kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sena kif ukoll għal ħlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800). L-Ewwel Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"filwaqt li tikkonferma s-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel (1), ir-raba' (4), il-ħames (5) u t-tmien (8) imputazzjoni u nstab ħati tat-tieni (2), it-tielet (3), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni, tvarjaha u tirriformaha in kwantu jikkonċerna l-piena nflitta, għall-waħda aktar ekwa u ġusta, li tirrispekkja l-fatti tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm fejn il-konsulenti legali nfurmaw lill-Qorti li kienu qed jirrimettu ruħhom għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitu mhux ħati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni u in kwantu sabitu ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni b'dan illi talab ukoll li din il-Qorti tvarja l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta u li tirrispekkja l-fatti tal-każ odjern.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata meta mponiet multa għat-tieni (2) imputazzjoni li temerġi minn Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta pero' jargumenta li ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li jingħata sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż u dana speċjalment meta l-Ewwel Qorti skartat l-argument taħt Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet

tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċċitat hawn fuq u tagħmlu tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni li jemerġu minn Artikoli 95, 339(1)(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li għat-tielet (3), għas-sitt (6) u għas-seba' (7) imputazzjoni hemm il-piena ta' kontravenzjoni, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li l-piena għandha tkun dik:

> "stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, <u>miżjuda b'żewġ gradi</u> **<u>u</u>** għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirrikonoxxi li kien ikun aħjar kieku l-Ewwel Qorti spjegat kif waslet għal piena tagħha (u dana b'mod speċjali fir-rigward tat-terminu ta' priġunerija li ġie sospiż). Minkejja dan, tenut kont ta' dak li jirriżulta minn Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie kkwotat hawn fuq jidher li l-Ewwel Qorti telgħet żewġ gradi mill-piena tal-kontravenzjonijiet (*ai termini* ta' Artikolu 31(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u applikat il-piena minima ta' multa li jsemmi Artikolu 95. Ma hemm xejn x'jiġi ċċensurat dwar dan għax kollox jirriżulta li sar fil-parametri tal-liġi.

Illi, meħud dan t'hawn fuq in konsiderazzjoni, il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid billi tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Joseph Dimech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**